# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 29 ta' Settembru, 2016**

**Talba Nru: 896/2015/VG**

**Aaron FORMOSA [ID. Nru. 585378M]**

**vs**

**Dr Deborah DELCEPPO [ID. Nru. 45582M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fit-23 ta' Novembru, 2015** u li permezz taghha talab lill-intimata thalsu s-somma ta' erba' mitt euro [€400] u dan wara li ppremetta hekk:

> "Thallas lill-attur is-somma ta' ewro erba' mija (€400.00) rapprezentanti valur ta' xoghol ta' customized wedding invitations, xoghol li sar ghall-konvenuta fuq ordni taghha u li ghal tali xoghol ghadha ma hallsitx minkejja li giet diversament interpellata.
>
> Bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-hlas effettiv".

**Ra r-risposta tal-intimata minnha pprezentata fid-29 ta' Dicembru, 2015** u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1) Illi t-talba ta' l-attur hija nfondata kemm fil-fat kif ukoll fid-dritt hekk kif se jigi muri waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza;

2) Illi l-ebda xoghol ma lahaq tlesta u dan stante illi l-konvenuta kkancellat l-ordni qabel ma tlesta x-xoghol u dan stante n-nuqqas ta' sengha u professjonalita fl-istadju fejn kien ghadu qed jigi deciz xi kliem se jintuza.

3) Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri".

Ra l-verbal tal-11 ta' Lulju, 2016 fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta' €400 minghand l-intimata rapprezentanti valur ta' xoghol ta' customized wedding invitations, xoghol li sar ghaliha fuq ordni taghha u li ghal tali xoghol l-intimata ghadha ma hallsitx minkejja li giet diversament interpellata. L-intimata laqghet ghal din it-talba billi qalet li t-talba hija nfondata kemm fil-fat kif ukoll fid-dritt hekk kif se jigi muri waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza u li l-ebda xoghol ma lahaq tlesta u dan stante illi hija kkancellat l-ordni qabel ma tlesta x-xoghol u dan stante n-

nuqqas ta' sengha u professjonalita fl-istadju fejn kien ghadu qed jigi deciz xi kliem se jintuza fuq l-inviti tat-tieg.

Ikkunsidra;

2. **Ir-rikorrenti** xehed u qal li l-intimata kienet marret għandu fejn kienet rat invit *on display* li ghogobha. Qal li l-invit ta' l-intimata kien prattikament lest u li kull ma kien joqos kien li jsir il-kliem ta' gewwa l-ghaliex ta' kulhadd ikun differenti. Huwa esebixxa l-invit li l-intimata kienet ghazlet meta kienet marret ghandu fit-2 ta' Lulju, 2015 sabiex tordnahom. Kienet anke iffirmat *booking form* (dok. AF 2 – fol. 12) u kienet hallset depositu. Hekk kif appena saret l-ordni, kompla jghid ir-rikorrenti, huwa ha hsieb li jordna l-materjal u dan sabiex ma jhalliex ghal ahhar. Qal li bhala materja prima huwa kien hallas l-ammont ta' €348.12c u dan skont id-dokument mmarkat bhala dok. AF3 (fol. 13). Dan id-dokument huwa datat 18 ta' Settembru, 2015. Qal ukoll li l-intimata, wara t-2 ta' Lulju, 2015 u cioe meta kienet ghamlet l-ordni, kienet marret madwar erba' darbiet ohra ghandu biex tara kif kien sejjer ix-xoghol u kienet sahansitra tghidlu jekk huwa riedx aktar flus sabiex imbaghad jitnaqqas mill-ammont pattwit. Kompla jghid li l-intimata sahansitra kienet tibghatlu l-*emails* sabiex tghidlu x'riedet u ma rieditx fl-inviti "*sakemm darba fost l-ohrajn ircevejt email minghandha fejn talbitni nikkancella kollox*" (fol. 9). Huwa ma sabx problema b'din l-*email* tant li qalilha sabiex thallsu tax-xoghol li kien ghamel u ta' l-ohrajn li ma kienx lehaq ghamel ma thallsu xejn. Stqarr li qabel ma l-intimata baghtitlu l-imsemmija *email* hija kienet marret ghandu u staqsietu jekk setatx tbiddel l-invit. Huwa wegibha li ma setax jaghmel dan. Qal li s-somma ta' €400 huwa l-bilanc li huwa fadallu jigbor ghal ispejjez li ghamel. Zied ighid li wara li l-intimata kienet talbitu sabiex jikkancella l-ordni huwa kien talabha tghidlu jekk kienx naqasha f'xi haga izda hi baqghet qatt ma wegbitu. Sahaq li l-*wording* fuq l-invit ried jigi deciz mill-intimata u mhux minnu u ghalhekk kompla jghid ir-rikorrenti, "*ma naqbilx ma dak li qalet l-intimata meta fit-tieni eccezzjoni taghha qalet li kien hemm xi nuqqas ta' sengha u professjonalita fl-istadju fejn kien ghadu qed jigi deciz xi kliem ser jintuza*"

(fol. 10). Ir-rikorrenti esebixxa kopja tal-korrispondenza bl-*email* li intbaghtet mill-partijiet u li giet immarkata bhala dok. AF4 (fol. 14).

Huwa qal li l-inviti ghalih ma jiswew xejn l-ghaliex mhux kulhadd l-istess invit juza. Jista jkun hemm il-kulur differenti per ezempju kompla jghid. Qal ukoll li ma jsib l-ebda problema sabiex l-intimata tiehu l-inviti li kienu lesti.

3. **L-intimata** xehdet bil-procedura ta' l-affidavit. Qalet li hi u zewgha kienu marru ghand ir-rikorrenti fuq rakkomandazzjoni ta' terza persuna. Qalet li kienu maghfusin biz-zmien u minhabba x-xoghol taghhom ma setghux joqghodu jduru biex jaraw l-inviti. Qalet li meta marru ghand ir-rikorrenti fit-2 ta' Lulju, 2015 huma kienu qalulu xi xtaqu u li riedu xi haga originali. Huwa ghamlilhom stima ta' kemm kien ser jigu l-inviti u tawh depositu ta' €200 (dok. DD1 a fol. 45). Qalet li r-rikorrenti kien infurmahom li t-tip ta' inviti li riedu huwa ma kienx ghamel bhalhom u ghalhekk kien talabhom sabiex jaghzlu wiehed milli kellhu *on display* sabiex kemm jista jkun iqarrab fil-forma ta' l-invit li riedu halli b'hekk ikollu ideja fuq xhiex seta jahdem is-*sample*. Ziedet tghid li raw xi inviti milli kien ghamel ir-rikorrenti diga u "*biddilna xi disinji, kuluri u ridna l-wording kollu differenti kif ukoll l-invit iktar tawwali*" (fol. 43). Qalet li d-decizjoni taghhom kienet li jaghmlu kaxxi flok enveloppes ghall-inviti. Kompliet tghid li wara li ghazlu l-forma u d-daqs li riedu dawn il-kaxxi kien ghad jonqos li jigi iffinalizzat il-kliem ta' fuq il-kaxxi kif kien ghad jonqos li jigi ffinalizzat il-kliem ta' fuq l-invit. Sahqet li huma riedu li "*l-ewwel naraw kif kien se jigi l-invit sabiex imbaghad nikkonfermaw anki l-kulur kemm tal-kaxxa kif ukoll ta' l-invit innifsu sabiex inkunu certi li l-kulur ikun dak li xtaqna ahna*" (fol. 43). Anke id-disinn kien ghadu jrid isir u huma riedu li jaraw kif kien ser jigi fuq il-kaxxa. Qalet li r-rikorrenti qatt ma kien ghamel dak id-disinn qabel u ghalhekk kien ghad ried jaghmel il-forma tieghu. L-intimata qalet li din hija xi haga normali meta jkun hemm *customized invitations* iktar u iktar meta fil-kaz taghhom, huma riedu *customised boxes* flok *envelopes*. Il-ftehim kien li r-rikorrenti "*kellu jurina sample ta' kollox qabel jibda xi xoghol. Weghdna*

*illi huwa kellu wkoll proof reader li kien se jara li kollox ikun sew min-naha tal-kliem uzat go l-inviti*" (fol. 43).

L-intimata kompliet tghid li hi u zewgha kienu infurmaw lir-rikorrenti li kienu xtaqu xi xoghol iehor hekk kif tigi kkonfermata u finalizzata is-*sample* ta' l-invit u l-kaxxa. Ghal dan ix-xoghol l-iehor, hi qatt ma inghatat stima u qablu li dan jigi diskuss wara li jkun hemm l-approvazzjoni daparti taghhom ghal inviti u l-kaxxi.

Ziedet tghid li r-rikorrenti kien qalilha sabiex f'Settembru jibdew jikkomunikaw bl-*email* halli jaraw kif ser isiru l-inviti u l-kaxxi u hekk kif appena bdiet tara l-*emails* li kienu qeghdin jinkitbu mir-rikorrenti inholoq fiha biza li kien ser ikun hemm xi zbalji fl-inviti. Hawn l-intimata kienet qeghda tirreferi ghal-ortografija tar-rikorrenti kif tirrizulta mill-*emails* li kien jibghatilha. Qalet li bl-*emails* ma bdew jaslu imkien u hi talbet lir-rikorrenti sabiex jiltaqghu forsi huwa jifhem dak li riedu huma. Qalet ukoll li "*fuq il-wording dejjem kont nibghatlu xi korrezzjonijiet u kont nghidlu illi ahna nixtiequ proof reader kif ftehmna mieghu anki biex inkunu certi li hemm kollox kif suppost*" (fol. 43). Ir-risposta tar-rikorrenti kienet tkun li l-*proof reader* daqt ilesti min kollox, izda imbaghad wara irrizultalha li dan ma kienx minnu. Ir-rikorrenti, kompliet tghid l-intimata, kien anke infurmahom li kien ser ikellem xi *designer* sabiex jara l-kuluri flimkien mad-disinn. Ziedet tghid li stante li kien ghaddej iz-zmien u d-diskussjoni bejniethom kienet ghadha fuq il-kliem li kien ser jintuza, hi u zewgha "*iddecidejna li ahjar ninfurmaw lil Aaron Formosa li konna se nikkancellaw l-ordni u dan stante li ma konniex qed ninghataw dak li stennejna*" (fol. 43). Hija u zewgha iddecidew li jikkancellaw l-ordni l-ghaliex "*kont naf li ma kien hemm xejn li diga nbeda xi xoghol fuqu stante li kien ghad m'hemm l-ebda konferma finali u kulma kien ghadu qed jigi skambjat kienu emails fuq il-wording li kellu jintuza*" (fol. 43).

Qalet ukoll li lir-rikorrenti kienet infurmatu li huwa seta' jzomm id-depozitu li kienu tawh ghalkemm ma kien sar l-ebda xoghol. L-ammont ta' €200 kien

altru milli bizzejjed. Qalet li kienet sorpriza meta r-rikorrenti kien qalilha li l-karta kienet ordnata u diga lesta u dan peress li anke din kellha tigi ikkonfermata wara li tinghata l-ewwel *sample* minn materjal li diga kellhu r-rikorrenti.

Qalet li hija kienet sussegwentement cemplet lir-rikorrenti u kienet spjegatlu r-raguni ghala huma riedu jikkancellaw l-ordni li kienu ghamlu. Ziedet tghid li hija kienet "*spjegajtlu li stante li s-sample finali kien ghadu ma sarx, zgur li ma kellhiex tkun problema*" (fol. 44). Qalet li r-rikorrenti baqa jinsisti li huma jhallsuh tal-kaxxi, haga li huma irrifjutaw li jaghmlu minhabba li l-ftehim taghhom ma kienx hekk. Qalet li ghalhekk hija ma tistax tifhem kif qieghed jitlob l-ammont ta' €400 ghall-kaxxi f'dawn il-proceduri oltre l-€200 depositu li huma kienu tawh.

Stqarret li hija ma kienet issib l-ebda problema li "*nhallsu li kieku kien minnu li diga tlesta xi xoghol hekk kif ftehmna wara li nkunu kkonfermajnilu*" (fol. 44). Sahqet li ma kellu jigi ordnat l-ebda xoghol qabel ma huma jkollhom *sample* komplut u dan peress li riedu jaraw "*l-kulur u d-disinn kemm ta' l-invit kif ukoll tal-kaxxa*". Ziedet tghid li l-invit pprezentat kien invit li huma ghazlu sabiex ir-rikorrenti jkollu idea fuq xhiex se jahdem is-*sample* taghhom. Qalet li pero, kien hemm tibdiliet fil-forma, fid-disinn, fil-kliem ta' gewwa u l-kuluri uzati. Dan mhux biss ghar-rigward ta' l-invit izda ukoll tal-kaxxa.

Wara li huma kkancellaw l-ordni, hija qalet li marret ghand kumpanija ohra u rat id-differenza l-ghaliex "*kull m'ghamilna ghednilhom xi xtaqna, ddisinjaw kollox, baghtulna kollox bl-email, ikkonfermajna l-kontenut ta' l-invit, kuluri u dettalji ohra, ghamlulna sample ta' l-invit u l-kaxxa, kkonfermajnih u fi ftit gimghat kellna kollox lest*" (fol. 44).

4. **Gilbert Cuschieri** ikkonferma dak kollu li qalet martu l-intimata u zied jghid li kienet hi li kienet tiehu hsieb tikkomunika mar-rikorrenti bl-*email*. Martu kienet tghidlu li ma kienet xejn sodisfatta b'dak li kien qieghed jigri

peress li lanqas fuq il-kliem ta' l-inviti ma kien qed ikun hemm rizultati. Qal li hi kienet turih l-*emails* li kien jibghatilha r-rikorrenti u li huwa kien sorpriz bil-fatt li kienet martu li kienet qeghedha tghidlu fejn kellhom isiru l-korrezzjonijiet ta' zbalji. Iz-zmien beda jafghas u peress li kienu ghadhom fi stadju li jaqblu fuq il-kliem li kellhu jintuza, huma bdew jinkwetaw li meta jaslu ghall-kuluri u d-disinn zgur li kien ser ikun hemm xi problema ohra. Sahaq li sa dak il-waqt ma kien ghadu sar l-ebda *sample*. Kien ghalhekk li hu u martu kienu ddecidew li jikkancellaw l-ordni maghmula u b'dan kien infurmat ir-rikorrenti. Kienet martu li infurmat lir-rikorrenti b'din id-decizjoni. Martu imbaghad infurmatu li r-rikorrenti ried jithallas ta' xi xoghol li skont hu kien diga sar. Qal li "*dan ma setax ikun minnu ghax kif diga ntqal, ridna li naraw sample finalizzat qabel mas-Sur Formosa jibda x-xoghol*" (fol. 46). Sahaq li martu ippruvat tirraguna mar-rikorrenti izda dan ma ried jaf b'xejn u baqa jinsisti ghax ried aktar flus.

Wara li kkancellaw l-ordni, kompla jghid ix-xhud, hu u martu inqdew bis-servizzi ta' kumpanija ohra u s-servizz inghata lilhom f'qasir zmien u b'mod professjonali ghal ahhar.

Qal li r-raguni ghala huma ikkancellaw l-ordni zgur li ma kienitx xi wahda frivola u dan peress li ghamlu hekk ftit gimghat qabel ma izzewgu. Ghamlu hekk minhabba l-livell baxx tas-servizz li kien qieghed jaghtihom ir-rikorrenti. Qal li peress li huma ma kienux ikkonfermaw s-*sample* li kellhu jaghtihom ir-rikorrenti, huma ma hassewx li l-fatt li hassru l-ordni maghmula "*kienet se tkun problema u dan stante l-fatt li ma kien hemm xejn mill-ordni li nbeda ahseb u ara kemm kien hemm xi xoghol li tlesta u nghatalna*" (fol. 46).

Ikkunsidra ulterjorment;

5. Mill-provi irrizulta li fit-2 ta' Lulju, 2015 l-intimata kienet ordnat xi inviti ghat-tieg li kienet ser ticcelebra aktar tard dik is-sena. Dak-in-nhar, hija iffirmat id-dokument AF2 (fol. 12) u tat lir-rikorrenti l-ammont ta' €200

bhala depositu. Fuq dan id-dokument ma hemmx x'kien il-ftehim tal-partijiet ghar-rigward ta' l-imsemmija inviti. Jirrizulta bic-car pero li l-partijiet kienu qeghdin jiskambjaw *emails* bejniethom bil-kliem li kellhom jigu miktubin fuq l-inviti u kif ukoll affarijiet ohra relatati mal-ordni maghmula. Ghalhekk sakemm kienet ghada ghaddejja din il-korrispondenza, abbozz finali ta' kif kellhu jigi l-invit komplut ma kienx hemm. Fil-25 ta' Settembru, 2015, ir-rikorrenti kien baghat lill-intimata *email* fejn staqsieha jekk rieditx li jerga jaghmlilha "*sample iehor ta' kollox? Jew nista immexi?*" (fol. 26). L-intimata wegbitu u qaltlu li hija kienet ser tara dan aktar tard u ccempillu (fol. 26). Dan l-iskambju ta' *emails* baqa ghaddej bejniethom zgur sat-30 ta' Settembru, 2015. Imbaghad fit-2 ta' Ottubru, 2015 l-intimata baghtet *email* lir-rikorrenti fejn infurmatu li hi kienet qeghda tikkancella l-ordni kollha. L-intimata qalet li hija waslet ghal din id-decizjoni peress li dak li kien qieghed jibghatilha r-rikorrenti ma kienx qieghed joghgobha u hija bdiet tinkwieta li kienet qeghda toqrob id-data tat-tieg u l-inviti ma kienux ser ikunu lesti. Mill-*emails* irrizulta li l-intimata kienet qeghda tikkoregi xi zbalji li kienu qeghdin jirrizultaw fuq is-*samples* li kien qieghed jibghatilha ir-rikorrenti.

6. Mehud in konsiderazzjoni l-provi kollha mressqa, it-Tribunal huwa tal-fehma li r-rikorrenti ghamel hazin li huwa qabad u ordna l-materjal meta ma kellhux il-konferma mija fil-mija da parti tal-intimata ta' kif kellhom jigu l-inviti tat-tieg u l-kaxxi ghalihom. Il-buon sens kien jirrikjedi li huwa jinforma lill-intimata li z-zmien kien qieghed jaghfas u li ried iz-zmien sabiex ikun jista jordna l-materjal u mhux jaqbad u jordna l-istess. Ir-rikorrenti qal li dwar il-kaxxi li kellhom iservu sabiex l-invit jitpogga fih kien hemm qbil u ghalhekk ghamel l-ordni tal-materjal ghalihom izda t-Tribunal jirrileva li huwa baqa qatt ma esebixxa xi korrispondenza skambjata bejn il-partijiet li turi li s-*sample* tal-kaxxa li huwa ghamel kien gie accettat u ghalhekk ghamel l-ordni tal-materjal. Kien jispetta lilu li jaghmel din il-prova. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-invit kien jinkludi l-kaxxa u li l-intimata riedet tara l-prodott finali qabel ma hija taghti l-*go ahead* sabiex l-ordni tkun tista tibda tinhadem. Meta l-intimata infurmat lir-

rikorrenti li hija kienet qeghda tikkancella l-ordni, hija nfurmatu ukoll li setgha jzomm id-depositu li hija kienet ghamelt ta’ €200 fit-2 ta’ Lulju, 2015. Fil-fehma tat-Tribunal, dan l-ammont huwa bizzejjed ghax-xoghol u spejjez li r-rikorrenti lahaq ghamel. Ghalhekk it-Talba tar-rikorrenti ma hijiex ser tintlaqa.

7. Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad it-Talba tar-rikorrenti.

   Kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**